MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2012

Avviz Numru. 150/2009

**Camenzuli Tyres Limited**

**Vs**

**Ludwig Dimech**

**Il-Qorti;**

Rat l-avvizipprezentat fit-23 t'April, 2009 fejn ir-rikorrenti talbu sabiex il-Qorti tikkundanna l-konvenut thallas is-socjeta' attrici seba' t'elef hames mija u tlieta u ghoxrin ewro u hamsa u tletin centezmu (€7,523.35) bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' fork lift, merkanzija, materjal ta' valganising, tyres lilu mibjugha u minnu accettati u dawn mhux imhallsa ghalkemm interpellat sabiex jaghmel hekk anke permezz ta' ittra ufficjali u ghalhekk kellha ssir kawza kontrih.

Bl-ispejjes kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, l-ittra ufficjali tal-24 ta' Lulju, 2008 u l-mandat ta' sekwestru kontestwali li sar mal-kawza, bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra jigifieri mit-12 ta' Settembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta ta' Ludwig Dimech ipprezentata fit-18 ta' Mejju, 2009 fejn eccepixxa illi fl-ewwel lok l-azzjoni intavolata mis-socjeta attrici (sic) u dan stante li in segwitu l-ittra ufficjali ta'l-24 ta' Lulju, 2008 fl-istess ismijiet ipprezentata mis-socjeta' attrici ai termini ta'l-artikolu 166A tal-Kap. 12. L-eccipjent cahad li huwa personalment ghandu jaghti lis-socjeta' attrici u talab illi jigi fornit bil-fatturi relattivi u dana sabiex jaghmel il-verifiki mehtiega u cioe nonostante s-socjeta' attrici naqset li tipprovdi tali fatturi kif mitluba.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici u l-istess ghandha minghajr dewmien tesebixxi kopja tal-fatturi li qed tallega li mhumiex imhallsa u dan sabiex isiru l-accertamenti necessarji.

Rat l-affidavit ta' Anthony sive Anton Camenzuli pprezentat fit-12 ta' Novembru 2009 fejn huwa stqarr li huwa bhala direttur tal-kumpanija Camenzuli Tyres Ltd jiehu hsieb kuntatti ma' agenziji esteri kif ukoll jircievi ordnijiet minghand klijenti fuq it-telefon, jiehu hsieb l-accounts u kif ukoll johrog il-kontijiet. Stqarr ukoll illi ghal dak li ghandu x'jaqsam il-bejgh, il-bejgh jiehu hsiebu huh Edwin Camenzuli.

Dwar Ludwig Dimech huwa stqarr li l-konvenut ilu jaghmel negozju mas-socjeta' rikorrenti mis-sena 2004 kif jidher mid-dokument minnu anness u mmarkat Dokument A. Stqarr li l-ammonti dovuti minnu huma ta' seba' t'elef, hames mija u tlieta u ghoxrin ewro u hamsa u tletin centezmu (€7,523.35) rapprezentanti hames mija u hamsa u tletin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€535.23) bilanc ta' xoghol ta' tyres u materjal ta' valganizing u sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) bejgh ta' second hand fork lifter.

Jistqarr ukoll li l-konvenut mhux dejjem kien ihallas kull kont, izda kien jaqbad somma flus u jhallasha permezz ta' cash, qatt ma hallas permezz ta' cekk u din kienet tigi kkreditata fl-istatement tieghu. Is-sistema adoperata mill-istess konvenut kienet li jaghmel ordni permezz ta' telefonata, jittihidlu x-xoghol gewwa Mdina Road, Zebbug, id-delivery kien jiehu hsiebha huh Edwin Camenzuli u la darba jigi ffirmat l-invoice li ssir mad-delivery jitqies bhala accettat.

Dwar il-forklifter huwa stqarr illi fil-bidu kienet saret ordni ghal tlett forklifters, izda mbaghad meta l-kumpanija rat illi minkejja li l-forklifters fis-16 ta' Gunju, 2004, sa Novembru 2004 kienu ghadhom ma saru ebda pagamenti, il-kumpanija talbet li l-forklifters jigu ritornati u sussegwentement meta baghtu l-burdnara sabiex jigbruhom gabu lura zewg forklifters minn tlieta li kienu ntbaghtu. Stqarr ukoll illi ta' spiss kien icempel lil Ludwig Dimech sabiex isiru l-pagamenti u dan kien jghidlu li jippromettilu li sejjer ihallas izda dan qatt ma zamm kellmtu. Kienu jsiru hafna telefonati f'dan is-sens.

Rat l-affidavit ta' Edwin Camenzuli li stqarr li anke hu bhal Anthony Camenzuli huwa direttur ta' Camenzuli Tyres Ltd u hu jiehu hsieb is-sales u delivery tal-affarijiet li tbiegh il-kumpanija Camenzuli Tyres Ltd. Dwar Ludwig Dimech huwa stqarr li fil-bidu tas-sena 2004, il-konvenut gie flimkien ma' missieru Charles Dimech, fejn missieru spjega illi ried jarma lit-tifel bix-xoghol tat-tyres u ghalhekk xtaq jarmalu garage li fih jibda l-hidma tieghu. In fatti xtara truck tyre changer u wheel balancer.

Stqarr ukoll illi l-invoices dejjem hargu f'isem Ludwig Dimech u dejjem thallsu. Tali ordnijiet kienu jsiru minn Ludwig Dimech permezz tat-telefon u kien jehodhom Edwin Camenzuli stess u jiddepozitahom fil-garaxx, f'Indipendence Avenue, Zebbug. Stqarr ukoll illi ftit wara li Ludwig Dimech xtara l-ewwel zewg apparati ghal garaxx gie sabiex jixtri tlett second hand forklifters u ta' dan giet mahruga invoice li giet iffirmata minn Ludwig Dimech stess.

Kien fl-ahhar tas-sena 2006 li l-kumpanija ddecidiet, in vista tal-fatt li Ludwig Dimech ma kienx qed jonora l-kreditu tieghu li ma jaccettawx li jaghtuh iktar xoghol jekk ma jhallasx immedjatament cash on delivery.

Rat ix-xhieda ta' Ludwig Dimech li nghatat fit-3 ta' Frar, 2010 fejn hu stqarr illi hu ghandu l-hanut bl-isem LK Limited u qal illi sa fejn jaf hu m'ghandu jhallas xejn lis-socjeta' rikorrenti. Madanakollu fix-xhieda tieghu huwa stqarr li jekk jikkalkola kollox ghandu jaghtihom xi hames mitt ewro biss u zied jghid illi dejjem talab l-invoices, izda qatt ma tawh l-invoices. Huwa stqarr ukoll li l-VAT number tal-kumpanija tieghu hija 1719-0321. Filwaqt li l-invoices kollha li hemm fil-process juru VAT number 1691-8131 li jappartjeni lis-socjeta Dimbros Ltd li hija s-socjeta ta' missieru Charlie Dimech li maghha m'ghandu x'jaqsam xejn.

Meta ra d-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti huwa stqarr li mhu qed jaghraf l-ebda mid-dokumenti u lanqas il-firma tieghu. Filwaqt ghar-rigward tal-forklifters u qal li dawn kienu inbieghu fiz-zmien li huwa kien Dubai qed jixtri xi xoghol allura ma kienx involut hu fix-xiri jew negozjar tal-forklifters.

Fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2010 rega' xehed Anton Camenzuli illi kkonferma li qal illi huwa jaf illi huh Edwin Camenzuli kien innegozja mal-intimat u ma' missieru Carmelo Dimech. L-invoices dejjem hargu f'isem Ludwig Dimech, ghaliex dejjem Ludwig Dimech kien jitlob ix-xoghol.

Fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 2011 xehed Ludwig Dimech in kontro ezami illi ikkonferma illi huwa kien jixtri minghand is-socjeta' rikorrenti u l-bicca l-kbira tan-negozjati l-hlasijiet kienu jsiru fi flus kontanti. Mistoqsi jekk qattx ta struzzjonijiet lis-socjeta' rikorrenti sabiex johorgu l-invoices f'isem is-socjeta LK Limited, huwa qal li dejjem kien xtara f'isem LK Ltd minhabba fil-VAT u kien ta struzzjonijiet lis-socjeta' rikorrenti sabiex l-invoices taghmilhom fuq is-socjeta' LK Ltd.

Madanakollu dwar il-fatt li l-invoices dejjem hargu f'ismu personalment, huwa qal li hadd qatt ma gibidlu l-attenzjoni fuq dan ir-rigward, izda jiftakar li qalilhom sabiex johorgu l-ircevuti u l-invoices fuq is-socjeta' LK Ltd. Huwa wkoll ikkonferma li hafna mill-invoices pprezentati mar-rikors promotur huma mhallsin minnu.

Xehed ukoll Anton Camenzuli in konfront max-xhud Ludwig Dimech u Anton Camenzuli kkonferma illi qatt ma kellu struzzjonijiet minghand Ludwig Dimech biex il-kontijiet jew l-istatements johorgu f'isem xi socjeta' partikolari u mhux f'isem il-konvenut. Anzi stqarr illi l-istruzzjonijiet li nghata kienu ili l-invoices johorgu fuq isem Ludwig Dimech personalment u in fatti dejjem hargu l-invoices bil-mod kif dawn lilhom gie indikat.

Dwar il-VAT number utilizzat, stqarr li qatt ma vverifikaw il-VAT number li kien qed jinghata peress illi huma qaghdu fuq il-VAT number li nghata lilhom minn Ludwig Dimech.

Kemm Ludwig Dimech, kemm Anton Camenzuli kif ukoll Edwin Camenzuli li lkoll xehdu ukoll fid-9 ta'Marzu in kontro ezami kkonfermaw li missier Ludwig Dimech, ossia Carmelo Dimech, kien gie flimkien mal-istess Ludwig Dimech meta beda jinnegozja l-affarijiet u kien qalilhom illi hu ried jarma lit-tifel b'garaxx tat-tyres u huma kienu tellghulhom ix-xoghol u thallsu.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti Camenzuli Tyres Ltd.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-kaz odjern jikkoncerna konsenja ta' merkanzija mis-socjeta' rikorrenti lil Ludwig Dimech liema merkanzija kien jikkonsisti f'tyres u oggetti relattivi mat-tyres u fork lifter.

Jirrizulta mill-provi li l-intimat kien beda jopera garaxx tat-tyres u dan bl-ghajnuna ta' missieru Carmelo Dimech u bhala parti ta' tali xoghlijiet hu beda jixtri l-merkanzija minghand Camenzuli Tyres Ltd li pprovdewlu kemm l-

apparat necessarju ghal l-allinejar u l-ibbilnacjar tat-tyres kif ukoll sussegwentement tlett forklifters second hand ghall-uzu tal-istess garaxx.

Jirrizulta wkoll li fil-perjodu bejn 27 ta’ Mejju, 2004 u 23 ta’ Marzu 2007, l-intimat xtara tyres u oggetti ohra minghand l-istess socjeta’ rikorrenti ghal liema huwa kien ghamel diversi pagamenti.

Jirrizulta skont l-istatement anness bhala Dokument A illi bhala tyres u affarijiet relatati mat-tyres kien hemm bilanc ta’ hames mija hamsa u tletin ewro, tlieta u ghoxrin centezmu (€535.23). filwaqt li bhala bilanc ghal tlett forklifters jirrizulta li kien hemm bilanc dovut ta’ sitt elef, disa’ mija tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12). Il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu eccepixxa li l-flus mhumiex dovuti u apparti minn hekk huwa dejjem talab l-invoices izda eventwalment ta’ liema invoices ma inghaddewlux.

Fix-xhieda tas-sinjuri Camenzuli, huma stqarrew li s-sistema adoperata minnhom li certament mhijiex l-aktar sistema felici fil-kamp tal-kummerc, hija wahda fejn ma jiehdux dettalji tal-klijenti u jistriehu fuq id-dettalji li jigi lilhom moghtija mill-klijent stess u bhala ordnijiet ma jiehdux ordnijiet bil-miktub izda jaccettaw ordnijiet bit-telefon u jqisu l-ordni kompluta meta ssir id-delivery fil-post u tigi ffirmata l-invoice mill-persuna illi tkun irceviet il-merkanzija li tigi hekk delivered.

Jirrizulta wkoll mill-provi illi ftit wara illi s-sur Ludwig Dimech xtara l-wheel balancer u t-tyre changer, ossia fis-27 ta’ Mejju, 2004 huwa xtara wkoll tlett forklifters fis-16 ta’ Gunju, 2004. Dawn il-forklifters baqghu hemm hekk sas-7 ta’ Dicembru 2004 meta tnejn mill-forklifters gew ritornati mill-intimat lir-rikorrenti in vista tal-fatt li ma kienx sar il-hlas taghhom.

Jirrizulta mix-xhieda tas-sur Dimech minn naha l-ohra li huwa kkontenda li ma kellu jaghti xejn lis-socjeta rikorrenti sa fejn kien jaf hu, izda mbaghad qal li skont il-kalkoli tieghu huwa kellu jhallas madwar hames mitt ewro.

Huwa stqarr ukoll li dwar il-forklifters ma kienx jaf assolutament xejn peress li huwa kien Dubai u ma kien jaf xejn dwar kif kienu hemm. Huwa stqarr ukoll li huwa dejjem jahdem bil-kumpanija LK Ltd u ta l-VAT number tal-istess kumpanija u dejjem ta struzzjonijiet lir-rikorrenti li johorgu tali invoices fuq il-kumpanija, liema fatti, l-istess sinjuri Camenzuli kategorikament cahdu meta sar konfront mas-sur Ludwig Dimech.

**Ikkunsidrat**

Illi abbazi tax-xhieda moghtija kemm mis-sinjuri Camenzuli u kif ukoll mis-sur Dimech, hija ferm aktar plausibbli, il-verzjoni moghtija mis-sinjuri Camenzuli milli dik li qed jipprova jittenta jaghmel is-sur Ludwig Dimech fix-xhieda tieghu. Dan jinghad peress illi huwa kemm xejn difficli li wiehed jifhem kif tlett forklifters li damu fil-post tieghu mis-16 ta' Gunju, 2004 sas-7 ta' Novembru 2004 jigifieri kwazi hames xhur, il-konvenut qatt ma ndaga dwar ta' min kienu, min xtrahhom u min kellu jhallas ghalihom. Il-konvenut jittenta li jikkonvinci l-Qorti li huwa kien Dubai u allura ma jafx bihom. Tali argument wiehed seta' jifhima kieku baqa' Dubai sakemm kienu rritornati l-forklifters. Izda l-konvenut ma gab ebda prova illi turi kemm kien ilu Dubai salv illi allega li kien Dubai. Apparti minn hekk harsa lejn l-istatemtn tat-tyres mixtrija fil-bidu tal-operat tas-sur Dimech illi ghalkemm is-sur Dimech allega illi fis-16 ta' Gunju, 2004 kien Dubai, harsa lejn ix-xirjiet kollha tat-tyres juru illi bejn il-21 ta' Gunju 2004 u it-13 ta' Settembru 2004 saru diversi xirjiet ta' tyres.

Kif stqarru l-istess Camenzuli, l-ordni ta' tyres kien jaghmilhom is-sur Dimech personalment. Allura l-Qorti filwaqt li tista' taccetta li jista' jkun li l-intimat seta' kien imsiefer fis-16 ta' Gunju, 2004 peress illi ma jidhirx li saru ordnijiet ta' tyres dakinhar, certament mill-21 ta' Gunju 2004 il-quddiem is-sur Dimech kien Malta u seta' facilment jirritorna dawn il-forklifters li kienu fil-pussess tieghu jekk huwa ma kienx ordnahhom.

Il-fatt li huwa ma hasx il-htiega li jirritorna dawn il-forklifters u tali forklifters, ossia tnejn minn tlieta gew

irritornati biss lis-sinjuri Camenzuli wara li ghaddew hames xhur u li ma kienx hallas xejn minnhom u l-istess sinjuri Camenzuli qalu li ha jmorru jigbrulhom il-forklifters, dak huwa turija cara li l-konvenut kien jaf ta' min kienu dawk il-forklifters u kien jaf li kien xtrahhom hu.

Il-fatt li l-konvenut jipprova jallaccja l-argument tieghu mal-fatt illi huwa dejjem ta struzzjonijiet sabiex l-invoices johorgu bil-VAT number ta' LK Ltd certament ukoll ma jreggix peress illi fix-xhieda tal-istess Ludwig Dimech huwa jistqarr li l-VAT number tal-socjeta' tieghu LK Ltd huwa 1719-0321. Fil-waqt illi l-invoices li gew esebiti a fol 16 u 17 tal-process u li jghajtu lil Ludwig Dimech l-indirizz LK Limited, ghandhom VAT number differenti, liema VAT number l-istess Ludwig Dimech jikkonferma li huwa 1691-8131 li hija tas-socjeta Dimbros Ltd li hija s-socjeta ta' missieru Carmelo Dimech.

Madanakollu, l-istess Ludwig Dimech jikkonferma li l-pagamenti kollha ghamilhom hu tat-tyres allura l-Qorti ma tistax ma tistaqsix, x'kienet ir-raguni mela biex il-konvenut ghalkemm il-VAT number kienet tal-kumpanija ta' missieru qabad u hallas il-kont minghajr ma biss talab lis-socjeta' rikorrenti biex tbiddel in-numru tal-VAt. Din hija turija cara li l-konvenut kien jaf x'qed jaghmel u ried jaghmel uzu minn diversi metodi sabiex johloq konfuzjoni bil-ghan li jiehu xi gwadan fil-konfront tieghu. Il-gwadan li qed jipprova jaghmel il-konvenut fil-kaz odjern li huwa ma jhallasx ghall-forklifter li gie lilu moghti.

Din il-Qorti certament mhijiex ser taqa' ghall-argumenti foloz illi ressaq is-sur Ludwig Dimech u certament mhijiex ser taccetta l-argumentazzjoni mressqa minnhu illi m'ghandu jaghti xejn peress illi johrog car daqs il-kristall li l-merkanzija u l-forklifter inghaddiet lilu u hu gawda minnhom u ghalhekk irid ihallas ghalihom.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha migjuba quddiema, wara li rat in-nota ta' osservazzjoni, wara li rat id-dokumentazzjoni kollha bir-reqqa tiddeciedi billi tichad l-

eccezzjonijiet kollha tal-intimat u tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna l-istess konvenut ihallas is-somma sebat elef, hames mija tlieta u ghoxrin ewro, hamsa u tletin centezmu (€7,523.35) rapprezentanti somma akbar prezz ta' forklifter, merkanzija, materjal ta' valganizing u tyres lilu mibjugha u minnu accettati.  Bl-ispejjes kif mitluba fl-avviz u bl-imghax mit-12 ta' Settembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------